MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1244/2004

**Paul & Rocco (Gzira) Limited**

**vs**

**Business Systems Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tmienja u sittin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm168.29) rappresentanti prezz ta' fuel mibjugh u ikkonsenjat lilhom.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ipprezentat ir-risposta taghha skond il-ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ Etienne Bezzina in rappresentanza tas-socjeta attrici li ikkonfemra bil-gurament li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u tmienja u sittin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm168.29), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------